# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN



*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*



Mejju 2022 Ħarġa Nru 22



**Kumitat 2020**

**President**
Adrian Schinas

**Viċi-President**
Valent Xuereb

**Segretarju**
Leonard Agius

**Asst. Segretarju u PRO**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Assistent Teżorier**
Owen Caruana


## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

L-attività t'April kienet suċċess u numru mdaqqas ta' membri u ħbieb attendew għal din iż-żjara interessanti fiż-Żejtun. Nirringrazzjaw lil Perit Ruben Abela, President ta' Wirt iż-Żejtun tal-informazzjoni li tagħna dwar iż-żewġ knejjes li dawwarna.

Il-Kumitat ħa l-okkażżjoni biex bejn żjara u oħra għamel il-Laqgħa Ġenerali Annwali wara nuqqas ta' sentejn.

Issa jmiss għall-attività oħra meta nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju nżuru Għawdex. Se nżuru l–knejjes ta' San Ġakbu fit-Tokk, Ta' Savina, tal-Madonna ta Pompej u nispiccaw fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, kollha fir-Rabat Victoria. Imbagħaad għall-ikla. Aktar dettalji ser issibuhom fiċ-Ċirkolari li se tirċievu. Narawkom.

*N. Gingell*

*Għal Kumitat*

## AVVIŻ

**Attività popolari mall-membri hija dik ta' Għawdex.**

**Din se tiġi organizzata fil-15 ta' Mejju.**

**Dettalji dwar din l-attività tingħata aktar il-quddiem fiċ-Ċirkulari li ser tirċievu.**

## KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA, ĦAL LEW, QRENDI



*Qabel ma beda r-restawr*

Ħal Lew kien irħajjel li flimkien ma' Ħal Manin kien jagħmel parti mill-parroċċa taż-Żurrieq. Fil- 15 ta' Frar 1618, l-isqof Caligares fatamhom minn maż-Żurrieq u hekk l-Qrendi ġie dikjarat parroċċa awtonoma.

Fl-antik, u dan imur lura lejn is-sena 1250, f'Ħal Lew diġa kien hemm knisja dedikata lin-nativitá tal-Madonna. Meta Dusina żar Ħal Lew, sab li din il-knisja kellha artal wieħed, kienet bla bieb u fi stat ħażin. La kellha rettur u lanqas renti; anqas ma kellha ħwejjeġ neċessarji biex isir il-quddies. Għalhekk Dusina ipprofanaha sakemm isir dak li kien ordna u hekk tkun tista terġa' tintuża għall-kult.

# KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA, QRENDI

Aktar tard lejn l-1621 l-knisja nbidlitilha d-dedika għal Madonna tal-Ħniena, kif nafuha llum. Dan joħroġ mill-viżta Pastorali ta' Cagliares, li os-serva li kienet f'kundizzjoni tajba. Dak inhar b'kollox il-Qrendi kellu 202 dar u 1024 persuna jgħixu fih.

Il-knisja li naraw illum inbniet fl-1650 flok l-antika. L-Arkitett tagħha aktarx kien Giovanni Schembri. Il-kappillan kien Dun Ġwann Camilleri. Fiż-żjara pastorali tat-28 ta' Novembru 1658, l-isqof Balaguer jgħid li l-knisja kienet inbniet 8 snin qabel. L-Isqof Balaguer ikkonferma d-dedika lill-Madonna tal-Ħniena.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna kompliet tik-ber. Achille Ferris jgħid li s-Santwarju tal-Mellieħa biss kellu aktar devoti minn din il-knisja. Prova tad-devozzjoni u grazzji maqlugħa huma l-ammont ta' kwadri ex-voto kif ukoll l-iskrizzjoni li nsibu fuq il-bieb prinċipali: *Spes Unica Afflictorun*, li tfisser "it-tama waħdanija tal-imnikktin"

Il-knisja hi mibnija għamla ta' salib latin, korsija tawwalija, żewġ kappelluni u kor qasir. Għandha saqaf troll dritt ittraversat bil-lunetti sa fuq it-twieqi. Tnejn biss għadhom jidhru; wieħed juru lill-adorazzjoni tal-Maġi u l-ieħor lir-Ragħajja. Kienu tħallsu 32 skud lill-pittur Mro Giaocchino Loretti, alliev ta' Mattia Preti. Il-kappelluni huma msaqqfa fuq arkati li jingħaqdu b'xorok tat-tlieta. L-artal maġġur, bħaż-żewġ artali laterali, jinsab fi prospettiva sabiħa ħafna kollha skultura. Il-prospettiva tal-artal maġġur hija mżejna bi skultura meraviljuża fejn naraw żewġ anġli kbar qed iżommu l–gwarniċun tat-titular, filwaqt li aktar 'l fuq hemm aktar puttini fi sfond ta' sħab u raġġi.

Il-kwadru titulari, kif ukoll ħafna kwadri ta' preġju kbir, jinsabu fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi. It-titular juri lill-Madonna bil-Bambin qed tiġi kurun-ata minn żewġ anġli merfuha fuq is-sħab minn sitt anġli oħra. Isfel fil-kantuniera tax-xelluġ naraw in-nies fil-purgatorju jistennew l-għajnuna mingħand il-Madonna. Dan huwa xogħol Giuseppe D'Arena li sar fl-1690.

Benefattur kbir ta' din il-knisja kien il-Balliju Wolfgang von Guttenberg, li kellu dar viċin il-knisja. Fost id-donazzjonijiet tiegħu hemm numru kbir ta' kwadri li kollha kellhom l-istemma tiegħu. Kien irrega-la wkoll kurċifiss tal-injam, fonti tal-ilma mbierek, u statwa tal-kartapesta tal-Madonna. Benefattur ieħor kien il-Fra Jonnes Cannaves li wara laħaq isqof.

Il-portiku li naraw quddiem il-knisja tlesta fl-1672 taħt il-kappillan Schembri. Dan kien sar bħala kenn mill-elementi għall-pellegrini li kienu jmorru jżuru din il-knisja. Il-portiku magħmul minn ħames ar-kati li jserrħu fuq pilastri rqaq. Fil-kantunieri insibu erba' niċeċ dedikati lil San Alwiġi Konsaga, San Duminku, San Franġisk t'Assisi u lil San Gejtanu. Il-knisja, il-portiku u z-zuntier merfugħin 'l fuq mill-art u jintlaħqu b'ħames tarġiet. Is-sagristija inbniet bejn l-1686/88 u għandha tliet bibien. Il-kampnar, b' żewġt iqniepen nbena fl-1697.

Kemm il-darba sar xogħol ta' restawr fuq din il knisja iżda mhux dejjem sar kif suppost. Għalhekk fl-aħħar tas-sena 2019 beda r-restawr fuq ġewwa u fuq barra ta' din il-knisja bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Waqt ir-restaw fuq il-pavinemt, instabu l-pedimenti tal-ħitan tal-knisja oriġinali.

Wieħed jittama li meta jitlesta' r-restawr, u l-knisja tirritorna għall-glorja li kellha fil-passat, naraw dawk ix-xogħlijiet ta' pittura, u anke ta' ex-voto esebi-ti fejn suppost għandhom ikunu.

***Kitba ta' Louis Fenech***

***Din il-kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*

***Ritratti: N Gingell, Anthony M Brincat, Internet***




Il-Madonna tal-Ħniena (1690)
*Giuseppe D'Arena (c.1643-1719)*
*Kappella Madonna tal-Ħniena - Qrendi*



***It-Titular meta kien f'postu, illum jinstab fil-Knisja tal-Qrendi.***



***Il-kappella min ġewwa qabel ma beda r-restawr***

***Is-saqaf troll qabel ma beda r-restawr***

***Il-koppla minn taħt restawrata***











*Xogħol restawrat minn barra mad-dawra kollha, tal-kappella, kif ukoll l-erbà statwi fin-niċeċ fil-faċċata. Dawn ġew miżbugħa wkoll .*





San Gejtanu



San Alwiġi Gonsaga



San Duminku



San Franġisk t'Assisi





Ritratt xellug u ta' taħtu: restawr tal-kappella minn ġewwa kif ukoll tal-art wara li tlestew l-iskavi tal-kappella medjevali





Ritratt fuq: L-iskavi tal-kappella medjevali : pedamenti u ħitan



Ritratt fuq: il-portiku restawrat. L--iskrizzjoni li nsibu fuq il-bieb prinċipali li tgħid: Spes Unica Afflictorun, li tfisser "it-tama waħdanija tal-imnikktin"

## KAPPELLA TA' SANTA MARIJA "TAŻ - ŻELLIEQA", ĦAL-GĦARGĦUR

Jingħad li lejn nofs is-seklu 16, fl-inħawi ta' Ħal-Għargħur kienet tgħix xebba raħlija li kienet tbgħati minn marda kiefra. Kienet titlob l-interċessjoni tal-Madonna. Jidher li l-Madonna semgħat it-talb tagħha, dehritilha u x-xebba fieqet. B'radd il-ħajr, x-xebba, fl-1560 bniet knisja ċkejkna ddedikata lit-Tlugħ is-Sema tal-Madonna. Dan kollu ġie dokumentat fl-1575 minn Mons Dusina meta żar il-kappella. Għalkemm Dusina sab li x-xebba kienet ghadha ħajja, la niżżel isimha u anqas meta seħħet id-dehra mirakoluża.



Il-kappella li bniet ix-xebba kienet tinstab fil-bidu tat-triq li tieħdok lejn Wied id-Dis u l-Madliena. Il-Maltin dejjem wrew devozzjoni lejn il-Madonna, aktar u aktar meta jissemma miraklu. Nies minn Malta kollha bdew iżuru din id-daqsxejn ta' knisja. F'qasir żmien inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja akbar biex tkun tista tilqa l-pellegrini lejn il-post tal-miraklu.

Skont Achille Ferres il-knisja li-naraw illum nbniet fl-1650 fuq pjanta ta' Tumas Dingli. Dan kien l-istess arkitett li kien responsabbli għall-pjanti tal-knisja parrokkjali tal-Għargħur, Santa Maria ta' Birkirkara u ta' San Filep f' Ħaż-Żebbuġ. Minn dak iż-żmien saru tibdiliet, bħaż- żewġ lapidi tal-irħam li twaħħlu fl-1950 biex ifakkru l-ġrajjiet li taw bidu għall-knisja u l-kampnar li nbena fl-1953..

Għaliex magħrufa bħala taż-Żellieqa illum ħadd ma jaf fiċ-ċert. Hemm għidut li fejn illum hemm t-taraġ li jwassal għaż-żuntier, qabel kien hemm rampa. Barra minn hekk dik ir-rampa kienet tiżloq! Għalhekk kellhom ineħħuha u jibnu t-taraġ. Għidut ieħor hu li t-triq li kien hemm meta nbniet il-knisja kienet pjuttost wieqfa, mħarbta u perikoluża. Jidher li baqgħet hekk sa kemm irranġawha l-priġunieri tal-gwerra Ġermaniżi qabel l-1946.

Biex tasal fuq iz-zuntier, li huwa ftit uwsa mill-faċċata, trid titla' ħames tarġiet. Fuq kull ġenb tal-bieb hemm żewġt itwieqi li nfetħu fil-faċċata fl-1777 biex id-devoti jkollhom aċċess meta l-knisja tkun magħluqa. Il-bieb huwa mżejjen b' pilastri taħt pediment triangolari stil doriku. Aktar 'l fuq hemm okulus li jdawwal il-knisja. Fil-Fontispizju hemm niċċa li tkenni statwa tal-ġebel ta' Santa Marija, opra ta' Wenzu Sammut.

L-artal tal-knisja huwa xogħol mirqum tal-irħam. It-titular, xogħol il-pittur Rokku Buhagiar (1723-1805), juri l-appostli madwar qabar vojt iħarsu lejn il-Madonna tiela s-sema mdawwra bl-anġli. Dan jistab ġo prospettiva magħmula minn żewġ kolonni elaborati sew fil-lavur kif ukoll fl-indurar, iwieżnu pediment maqsum. Fil-wisgħa li hemm fil-pediment nsibu kwadru iżgħar tal-inkoronazzjoni tal-Madonna mit-Trinata' Mqaddsa.

Hemm diversi kwadri oħra, fosthom il-Madonna tal-Karmnu ma' san Mikiel u San Xmun Stokk, il-Madonna bil-Bambin, San Bastjan u Santu Rokku. Pittura ta' Envin Cremona tfakkar il-miraklu li 'l-Madonna għamlet mat-tfajla. Fiha tidher tfajla b'idejha miftuħa, tilqa' l-grazzja li qed tberikha biha il-Madonna bil-Bambin f' ħoġorha. Fil-bogħod fl-ispazju taħt il- Madonna hemm rappreżentazzjoni tal-knisja.

Fil-ġenb tal-artal hemm statwa tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol fil-kartapesta minn Xandru Farrugia. Fuq il-ġenb l-ieħor hemm statwa ta' San Ġużepp bil-Bambin. F' niċċa fil-ġenb tal-kappella hemm statwa tal-Madonna tiela' s-sema. Hemm esibiti ukoll diversi ex voto, ringrazzjament għal grazzji maqlugħa.

Matul dawn l-aħħar xhur sar restawr estensiv kemm minn barra kif ukoll intern, flimkien mal-pitturi kollha, hekk li llum din il-kappella reġgħet ġiet mgħotija l-glorja tagħha.

***Kitba ta' Louis Fenech.***

***Din ik-kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*



Perspettiva ta quddiem wara rr-restawr



Ġewwa wara r-restawr



It-titular restawrat



Madonna. Santu Rokku u San Bastjan



Madonna tar-Ruzarju



Il-Miraklu tat-Tfajla



Il-Lunzjata



Il-Madonna nkurunata ms-SS Trinità

Ritrattii: N Gingell

## TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba Martin Morana*



**KANĊELL** Ir-reċint li jagħlaq b'mod fiżiku kif ukoll b'mod simboliku d-dawra tal-**PRESBITERJU**. Fil-kappelli antiki, bħal dik ta' Ħal Millie-ri, jew fik ta' Santa Marija ta' Kemmuna n-naħa tal-altar jew apside tal -Lvant, (ċentrali) kien ikun magħluq b'kanċell tal-injam, bis-serratizzi mirfuda fil-ħitan tal-ġnub. Hawn il-kanċell kien jifred l-ispazju sagru minn dak profan. Fil-knejjes Barrokki u oħrajn aktar riċenti il-kanċell hu magħmul aktarx b'mod dekorattiv u fl-istess ħin simboliku. Biss dejjem jibqa' reċint indikattiv li ħadd ma għandu jaqsam jekk mhux għal xi skop partikulari ta' reverenza lejn is-sagrament.

*Il-Kanċell fil-kappella ta' Santa Marija ta' Kemmuna—ħajr Joe Morana*




**KAPPELLUN** Waħda miż-żewġ kappelli kbar fil-ġnub l-aktar qrib tal-altar maġġur. Din hi dik il-parti laterali tal-knisja li flimkien mal-kursija u l-presbiterju tifforma salib. Iż-żewġ kappelluni faċċata ta' xulxin, flimkien jagħmlu traversa. E.B. Vella (1930) meta jirriferi għall-kappelli tal-ġnub tal-knisja tal-Mosta jsejħilhom ukoll kappelluni.

**KANNIERJA** Is-sala li normalment tkun taħt il-knisja, fejn isir id-dfin jew fejn jinġabru l-fdalijiet tal-mejtin li jkunu diġà midfunin f'oqbra oħra. Oriġinalment il-kannierja kienet intenzjonata biex fiha jindifnu il-membri tal-kleru, waqt li l-parruċċani kienu jindifnu taħt iz-zuntier jew f'xi ċimiterju barra r-raħal. Etim. mit-Tal. *carnieria*.

